



Attenti għall-perikli fuq il-post tax-xogħol – pariri għaż-żgħażaġh

Tista' tkun int

Jekk ikollok inċident jew tagħmel ħsara lil saħħtek waqt li tkun ix-xogħol tista' tbatli l-konsegwenzi għal ħajtek kollha. Anki fl-ewwel ġurnata tax-xogħol tista' tiġrilek xi ħaġa traġika. Il-biċċa l-kbira ta' dawn it-traġedji jistgħu jiġu skansati.

Bħala żaġħżuġ/a li tkun għadek kif qed tibda taħdem, inti tinsab f'riskju akbar mill-kollegi tiegħek li huma akbar fl-età. Dan minħabba li inti tkun għadek ġdid kemm għall-post tax-xogħol kif ukoll għax-xogħol stess, u ma jkollokx biżżejjed esperjenza tax-xogħol u tar-riskji għas-saħħa u s-sigurtà li jista' jkun hemm. Int għandek id-dritt għal xogħol mingħajr periklu u li ma jagħmilx ħsara lil saħħtek, inkluż it-taħriġ u s-superviżjoni meħtieġa kif ukoll għandek dritt li tistaqsi u tirraporta dawk l-affarijiet li jkunu perikolużi għalik. Jekk int għadek taħt it-18-il sena, minħabba n-nuqqas ta' esperjenza u maturità li int jista' jkollok, skond il-liġi ma tistax tagħmel xogħlijiet li huma perikolużi. Dan il-fuljett fih informazzjoni dwar id-diversi perikli li jeżistu fuq il-post tax-xogħol. Hemm fuljett ieħor b'aktar pariri dwar id-dritittijiet u l-obbligi tiegħek.

Skond statistika Ewropea, ir-rata ta' korriment fuq ix-xogħol hija 50% oġhla għaż-żgħażaġh ta' bejn it-18 u l-24 sena minn dik ta' ħaddiema ta' etajiet oħra.

➤ Mekkanik apprendista ta' 18-il sena miet 4 jjiem wara li nbela' ġo fjammi ta' nar; kien qed jgħin lill-manijer tiegħu jbattal taħlita ta' petrol u *diesel* f'tank tar-rimi meta l-petrol sploda...

U mhumiex biss riskji ta' inċidenti li jistgħu jaffettwaw, anki saħħtek tista' tmur minn taħt:

➤ Tfajla li kienet qed titgħallem ix-xogħol ta' *hairdresser* ma qablux magħha l-prodotti li kellha tuża; f'idejha telgħulha ħafna nfalet u qtuġh, tant li lanqas biss setgħet taqbad furketta u sikkina u b'hekk kellha titlaq mix-xogħol...

Il-kawżi ta' inċidenti u ta' ħsara lis-saħħa bħal dawn li semmejna jinkludu apparat perikoluż, kundizzjonijiet stressanti, xogħol li jsir b'rata mgħaġġla, nuqqas ta' taħriġ u superviżjoni u nuqqas ta' proċeduri u kontroll. U jekk inti taħt it-18, qiegħed f'riskju akbar li tkun involut/a f'inċidenti jekk ix-xogħol li tkun qed tagħmel ma jkunx permiss bil-liġi.

Pariri dwar kif ix-xogħol isir fis-sigurtà⁽¹⁾:

- Tagħmel l-ebda biċċa xogħol qabel ma tkun ħadt it-taħriġ xieraq.
- Jekk tħossok li qed tingħata wisq informazzjoni f'daqqa, staqsi lil ta' fuqek sabiex ma jgħaġġilx daqshekk u jerġa' jirrepeti l-istruzzjonijiet.
- Titlaqx miż-żona fejn qed taħdem sakemm ma tkunx mitlub biex tagħmel dan. Żoni oħra jista' jkun fihom

perikli li int ma tkunx taf bihom bħal wajers tad-dawl imdendla fl-arja, art tiżloq jew kimika tossika.

- Jekk m'intix ċert minn xi ħaġa, dejjem staqsi l-ewwel. Kollega jew xi ħadd fuqek jista' jgħinek tevita xi inċident.
- Tiddejjaqx tistaqsi għal iktar taħriġ.
- Ilbes it-tagħmir personali ta' protezzjoni li jkun hemm bżonn għax-xogħol li tkun se tagħmel. Dawn jinkludu żraben tas-sigurtà, elmu ta' protezzjoni jew ingwanti ta' protezzjoni. Kun ċert li tkun taf meta għandek tilbes tagħmir protettiv, fejn tkun tista' ssibu, kif tużah u kif tieħu ħsiebu.
- Informa ruħek dwar dak li għandek tagħmel f'sitwazzjoni ta' emerġenza, kemm jekk ikun allarm ta' nar, jew inqata' d-dawl jew xi sitwazzjoni oħra.
- Aġmel rapport minnufih dwar kull inċident kemm lil ta' fuqek kif ukoll lir-rappreżentant tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, jekk hemm wieħed.
- Tinjorax sinjali bikrin ta' problemi bħal uġiġħ ta' ras, xi uġiġħ ieħor, sturdamenti, ħakk fil-ġilda jew iritazzjoni fl-għajnejn, fl-imnieħer jew fil-grizmejn. Jekk hemm tabib, infirmier jew personal ieħor tas-saħħa, infurmahom. U jekk tmur għand it-tabib tal-familja b'xi lment, għidlu bit-tip ta' xogħol li tagħmel.
- Segwi l-pariri u l-istruzzjonijiet li tkun ingħatajt – dan jinkludi li tieħu l-brejks, tirranġa s-siġġu tiegħek sew, tilbes tagħmir ta' sigurtà.



(1) Adattat minn informazzjoni minn fuq www.ccohs.ca/youngworkers/

Xi affarijiet li tista' tistaqsi l-imgħallem tiegħek

- X'inhuma l-perikli u r-riskji⁽²⁾ tax-xogħol tiegħi?
- Se nirċievi taħriġ dwar is-sigurtà u meta?
- X'passi għandi b'zonn nieħu sabiex niproteġi lili nnifsi, hemm xi tagħmir ta' sigurtà li għandi nuża?
- X'għandi nagħmel f'każ ta' emerġenza? Se ningħata taħriġ?
- Lil min irrid nistaqsi jekk ikolli mistoqsija dwar is-sigurtà? Kif nagħmel biex nirraporta inċident, xi problemi ta' saħħa jew jekk ninnota xi ħaġa ħażina?
- X'nagħmel jekk inweġġa? Min hija l-persuna li tista' ttini l-ewwel għajnuna?

Minn xhiex għandi noqgħod attent?⁽³⁾

- **Żliq u waqgħat** – dawn huma l-iktar kawżi komuni ta' inċidenti minħabba postijiet tax-xogħol li jkunu ffullati żżejjed, mhux miżmuma b'mod organizzat, tixrid jew twaqqiġ ta' materjal jew likwidu fl-art, wajers jiġru jew art mhux lixxa u mħarba.
- **Magni u apparat** – ħafna inċidenti jiġru minħabba manutenzjoni li ma tkunx kif suppost, nuqqas ta' l-qugħ (*guards*) ta' sigurtà, nuqqas ta' taħriġ, ħsara fl-elettriku li jista' jikkawża ħruq, nar jew mewt, tiswija ta' magni mingħajr ma dawn jiġu mitfija jew diskonnnettjati qabel minn mad-dawl. Magni perikolużi jinstabu kemm fil-kċejjen tar-ristoranti kif ukoll fil-fabbriki.
- **Rfiġ ta' tagħbija** – li hija tqila jew mhux stabbli, irfiġ f'pożizzjonijiet strambi; jew, minħabba l-fatt li ma jkunx ġie pprovdut apparat ieħor li jevita l-irfiġ bħal per eżempju *trolleys*.
- **Xogħol ripetittiv, mgħaġġel, speċjalment f'pożizzjonijiet strambi u b'perjodi ta' mistrieħ mhux suffiċjenti** – jista' jikkawża uġiġ u ħsara fil-muskoli u l-ġogi (problemi muskuloskeletal). Xi eżempji jinkludu xogħol ta' assemblaġġ fil-fabbriki, xogħol ta' kaxxiera fis-supermarkit jew bl-użu ta' *keyboards* jew il-maws tal-kompjuter.
- **Storbju** – livelli ta' storbju li huma għoljin wisq jistgħu jagħmlulek ħsara fis-smiġ għalkemm wisq probabbli inti lanqas tinduna peress li tiġri bil-mod. Il-ħsara li ssir ma tista' qatt tiġi msewwija. Perikli tipiċi oħra jinkludu vibrazzjonijiet u radjazzjoni.
- **Kimiċi** – inkluż il-prodotti komuni għat-tindif, żebgħa, prodotti għall-kura tax-xagħar u trab. Sustanzi li jinsabu fuq il-post tax-xogħol jistgħu jikkawżaw xi raxxijiet ta' allerġija fuq il-ġilda, ażma permanenti, kanċers u difetti fit-twelid. Huma jistgħu jaffettwaw il-fwied, is-sistema nervuża tal-ġisem u d-demem.
- **Stress** – jista' jkun ġej mill-mod kif ikun organizzat ix-xogħol tiegħek – jiġifieri ammont ta' xogħol impossibbli, responsabbiltajiet mhux ċari, pressjoni żejda. L-stress jista' wkoll jirriżulta minn trattament ħażin (*bullying*) minn dawk ta' fuqek jew kollegi oħra.
- **Vjolenza** - jekk għandek kuntatt mal-pubbliku. Din tinkludi abbuż verbali u attakki fiżiċi. Bla ebda dubju dan ma jistax sempliċement jitqies bħala 'parti mix-xogħol'.
- **Ambjent ta' fuq ix-xogħol** – ambjent skomdu minħabba sħana jew kesħa u problemi iktar serji li jkunu ġejjin minn temperaturi estremi, dawl baxx, eċċ.

(2) Periklu huwa dak kollu li jista' jikkawża mard jew inċidenti. Ir-riskju huwa l-probabbiltà li dan jiġri.

(3) Adattat minn www.tuc.org.uk/tuc/rights_worksafe.cfm

Tip ta' xogħol	Eżempji ta' Perikli
Tindif	<ul style="list-style-type: none"> ➤ Kimiċi tossiċi fil-prodotti tat-tindif ➤ Affarijiet li jaqtgħu mitfugħa fiż-żibel ➤ Perikli ta' żliq u waqgħat
Catering, ristoranti, fast food	<ul style="list-style-type: none"> ➤ Art tiżloq ➤ Apparat jaħraq tat-tisjir ➤ Oġġetti jaqtgħu
Ħwienet/beiġh	<ul style="list-style-type: none"> ➤ Vjolenza fiżika u abbuż verbali mill-konsumaturi ➤ Rfiġ tqil ➤ Perjodi twal bil-wieqfa
Uffiċċju/klerikali	<ul style="list-style-type: none"> ➤ Disinn ħażin tal-mejda jew post fejn isir ix-xogħol bil-kompjuter ➤ Siġġijiet mhux adegwati ➤ Stress ➤ Fastidju (<i>harassment</i>)
Kura tan-nies	<ul style="list-style-type: none"> ➤ Demm u fluwidi tal-ġisem kontaminati ➤ Irfiġ u pożizzjonijiet strambi ➤ Vjolenza fiżika u abbuż verbali ➤ Perikli ta' żliq u waqgħat
Kura tax-xagħar	<ul style="list-style-type: none"> ➤ Pożizzjonijiet skomdi ➤ Perjodi twal bil-wieqfa ➤ Sustanzi kimiċi fil-prodotti tax-xagħar li jiproduċu allerġija
Xogħol f'fabbrica	<ul style="list-style-type: none"> ➤ Magni perikolużi ➤ Xogħol b'ritmu mgħaġġel ➤ Perikli ta' żliq u waqgħat ➤ Perikli tat-trasport, per eżempju, bil-forklifters

Fittex id-drittijiet tiegħek u aġixxi b'mod responsabbli

Int għandek drittijiet fuq ix-xogħol:

1. Id-dritt li tkun taf
2. Id-dritt li tipparteċipa
3. Id-dritt li tirrifjuta xogħol perikoluż

Ix-xogħol mhux logħba u jgħib miegħu ċerti responsabbiltajiet:

- li tikkoopera ma' min iħaddmek dwar is-saħħa u s-sigurtà
- li timxi skond il-proċeduri ta' sigurtà u tipproteġi lilek innifsek u l-kollegi tiegħek
- li tuża jew tilbes tagħmir protettiv

Kun af aktar: dwar iż-żgħażaġh u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol minn fuq <http://ew2006.osha.eu.int/>; informazzjoni dwar diversi perikli u riskji individwali fil-postijiet tax-xogħol minn fuq <http://osha.eu.int>; sorsi ta' informazzjoni oħra jinkludu l-awtorità nazzjonali tiegħek għas-saħħa u s-sigurtà, trejdunjins u assoċjazzjonijiet.

Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol:

<http://osha.org.mt>

Att Legali 91 ta' l-2000 dwar il-Protezzjoni taż-Żgħażaġħ fuq il-Post tax-Xogħol:

http://www.osha.org.mt/docs/laws/ohs_al_91_00.pdf

Att Legali 283 ta' l-2004 dwar il-Protezzjoni taż-Żgħażaġħ fuq il-Post tax-Xogħol (Emenda): http://www.osha.org.mt/docs/laws/ohs_al_283_04.pdf

L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

Gran Vía, 33, E-48009 Bilbao

Tel. (34) 944 79 43 60, fax (34) 944 79 43 83

E-mail: information@osha.eu.int